---

28 ta' Gunju, 1948.

*Imħallfin :*

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Carmelo Mallia *versus* Farmaċista Nicola Spiteri et.

**Bejgħ — Tradizzjoni — Art. 1095 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Meta jsir bejgħ ta' oġġett mobili, imma l-konsenja ma ssirx lix-xerrej fil-mument tal-bejgħ, u jibqa' l-oġġett għand il-venditur, il-proprjetà tgħaddi favur ix-xerrej minn dak il-mument fir-rapporti bejn il-partijiet. Iżda d-drittijiet tat-terzi ma jiġux preġudikati.*

*Fil-każ ta' żewġ venditi successivi ta' l-istess oġġett favur persuni diversi, jirbaħ dak li ħa pussess ta' l-oġġett per mezz tat-tradizzjoni. Jekk imbagħad ħadd minnhom ma kellu t-tradizzjoni, jirbaħ dak li xtara l-ewwel.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn qal illi l-konvenut Farmaċista Spiteri, b'mandat tal-1 ta' Marzu 1947, qabad mill-poter tal-konvenut l-ieħor Gasan il-karrozza tad-ditta "Ford".

Mercury Sedan, liema karrozza hija ta' *proprjetà* ta' l-attur, skond kif jirriżulta mid-dokumenti A u B annessi mat-taħrika, u talab li, wara li *jsiru d-dikjarazzjonijiet* u *l-provvedimenti* kollha meħtieġa, tkun revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' l-elevazzjoni fuq riferit għali-motiv fuq imsemmi; b'*riżerva* ta' kwalunkwe azzjoni oħra għad-danni, u bl-*ispejjeż* kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-11 ta' Marzu 1947, fejn laqgħet it-talba bl-ispejjeż kontra *l-konvenut* Spiteri, salv fuq l-ispejjeż ir-regress kontra l-konvenut Gasan jekk u skond il-liġi; wara li kkunsidrat;

Illi rriżulta li l-karrozza *kienet ġiet* mibjugħa lill-attur u dana rċieva d-dokumenti relativi għaliha, u għalhekk il-proprjetà għaddiet għand *l-attur* qabel *il-mandat;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Farmaċista Nicola *Spiteri* u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-*sentenza* fuq imsemmija tiġi revokata, u d-domandi ta' l-attur jiġu riġettati; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni kollha, kif ġiet sottomessa mill-appellant, *hija* illi l-karrozza in kwistjoni mibjugħa lill-*attur kienet* qabel *mibjugħa* lill-appellant, u għalhekk kellu d-dritt jitlob il-mandat ta' l-elevazzjoni, *u dak il-mandat* huwa validu la darba ma kienx hemm għad it-tradizzjoni. Għalhekk irid jiġi eżaminat jekk il-bejgħ favur l-attur kienx sar qabel favur l-appellant jew wara;

Huwa fatt il-lum assodat *per mezz* tas-sentenza li din il-Qorti tat fil-kawża "*Spiteri vs. Gasan*", *illi* l-appellat Gasan kien biegħ lill-appellant waħda mill-karrozzi "Mercury" li kienu ġejjin minn barra; u Azzopardi, kif ingħad f'dik il-kawża, kien qal lit-tfal ta' l-appellant illi waħda minn dawk iż-żewġ karrozzi "Mercury" tkun assenjata lill-appellant.........;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi minn dan jirriżulta illi Mallia ma kienx xtara l-kar-

rozza sena qabel, kif kien qal, imma l-bejgħ favur tiegħu kien meta ġew il-karrozzi, u għalhekk posterjuri għal dak ta' l-appellant, illi kellu l-promessa ta' Azzopardi, ħafna żmien qabel, li waħda mill-karrozzi tkun tiegħu. Għalhekk bejn it-tnejn, il-bejgħ tal-karrozza ta' l-appellant kien l-ewwel wieħed;

Tikkunsidra;

Illi stabbilit dan il-pont, jiġi l-ieħor illi la darba Gasan biegħ dik il-karrozza lill-appellant kif anki lill-attur, u peress illi dan għamel id-depożitu u ħa l-"engine number" u mar għall-liċenza tal-Pulizija, l-appellant jistax ikollu dritt fuq il-karrozza;

Gie assodat illi għalkemm sar dan kollu favur l-attur, it-tradizzjoni tal-karrozza ma setgħetx tiġi effettwata dak in-nhar għaliex kellha l-"mudguard" li kellu bżonn ikun irranġat, u għalhekk il-"mechanics" ta' Gasan kienu qalulu li aħjar iħalliha u jgħaddi għaliha t-Tnejn, peress li kien is-Sibt. Il-liġi (art. 1095 Ord. VII ta' l-1868) tgħid illi meta l-ħaġa ma tistax tiġi konsenjata fil-mument tal-bejgħ, għalkemm il-proprjetà tkun għaddiet għand il-kumpratur fir-rapporti bejn il-partijiet, iżda dana ma jistax jippreġudika t-terzi. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-31 ta' Ottubru 1899 in re "Bonello vs. Bruno" (Kollez. Vol. XVII-II-146), irriteniet illi għalkemm fil-ġurisprudenza franċiża huwa kontravers jekk dak id-dritt imissx lill-kreditur tal-venditur fuq il-ħaġa moblli; u għalkemm l-opinjoni affermativa li hija sostenuta mit-Troplong (Vendita, 42), mit-Touillier (Corso VII, 36), hija avversata mill-Aubry et Rau (Vol. IV, § 349) u l-awtoritajiet imsemmija fin-nota no. 46, b'dan kollu peress illi l-liġi tagħna għandha dik id-dispożizzjoni fuq indikata, jidher manifest (qalet dik is-sentenza) "che il nostro legislatore abbia seguito la prima opinione, ritenendo essere lecito al creditore del venditore di elevare la cosa mobile venduta prima che il compratore ne abbia avuto la tradizione" (ara wkoll f'dan is-sens "Buhagiar vs. Borg": Prim'Awla 22 ta' April 1876; u Appell 26 ta' Frar 1877, Vol. VIII, 68). U l-Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Marzu 1899, in re "Spina vs. Saliba Brincat", Kollez. Vol. XVII-III-13, irriteniet ukoll illi "sebbene la vendita sia perfetta tra

le parti al momento che si è convenuto sulla cosa e sul prezzo (Ord. VII del 1868, art. 1061), tuttavia in riguardo ai mobili per ciò che concerne i diritti dei terzi la proprietà non se ne trasferisce che con la tradizione (art. 1095)'';

Tikkunsidra;

Illi għalhekk la darba l-attur ma kellux *it-tradizzjoni*, l-appellant kellu dritt jitlob l-elevazzjoni ta' dik il-karrozza. Imbagħad, anki jekk jiġi applikat *prinċipju ieħor ta' żewġ venditi* suċċessivi favur tnejn, jirbaħ dak illi ħa l-pussess per mezz tat-tradizzjoni, għaliex ikollu favur tiegħu l-pussess in forza tal-prinċipju illi l-pussess jiswa qisu titolu. Jekk imbagħad ħadd minnhom ma kellu t-tradizzjoni, u l-oġġett għadu f'idejn il-venditur, allura r-raġuni u l-ġustizzja trid illi jirbaħ dak li kien l-ewwel xerrej, in forza tal-prinċipju illi meta saret it-tieni operazzjoni kien hemm ostakolu fl-ewwel waħda;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenut Spiteri, u għalhekk tirrespinġi t-talba ta' l-attur u tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell; u *in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż* taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut Gasan.

---